## PRIMARY SCHOOLS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

| ĦAMES SENA | STUDJI SOĊJALI | ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: ________________

A. <u>Ħożż sing taħt l-aħjar kelma.</u>

1. Dejjem u kullimkien għandi ngħid ( il-poeżiji, il-verita', il-ħolm, iċ-ċajt, l-istejjer).
2. Fiċ-Ċentru ta' San Luċjan ikun hemm it-trobbija tal- ( ħaxix, ħass, ħut, ħuttaf, majjali, baqar ).
3. F'impjant tar-Reverse Osmosis l-ilma baħar isir ( siment, ramel, ħelu, żrar, ġir, franka, żonqor ).
4. Bniedem li jqassam minn dak li għandu jissejjaħ ( ċajtier, onest, ġeneruż, fqir, sinjur, xħieħ ).
5. L-awrat hija ( lampuka, vopa, ħuta, ċerna, tonna ) mkabbra bl-akwakultura.
6. Mill-Furjana tista' tara l-port ( ta' Marsaxlokk, ta' l-Imġarr, ta' San Pawl il-Baħar, il-Kbir, taċ-Ċirkewwa ).
7. F'kull belt jew raħal f'Malta u f' Għawdex issib ( lukanda, knisja, bajja, sptar, kastell, torri ).
8. Fl-Imsida hemm ( tarzna, Yacht Marina, il-kampanja, il-mużew tal-gwerra, ċentru tat-trasbord ).
9. Il-kap ta' kunsill lokali jissejjaħ ( re, president, ministru, sindku, surmast, reġina, għalliema ).
10. Fit-tarznari f'Malta jissewwew ( il-karozzi, l-ajruplani, il-vapuri, il-karettuni, ir-roti, il-muturi ).

( 1 x 10 marka = 10 marki )

B. <u>Qabbel l-emozzjoni mal-ġrajja billi tagħmel in-numru fil-kaxxa.</u>

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | il-ferħ | | ġibt marki sbieħ fl-eżami |
| 2. | il-biża' | | twelditilna tarbija fil-familja |
| 3. | id-diżappunt | | sħabi ftiehmu li joħorgu u lili ma qalulix |
| 4. | ir-rabja | | Intlift ġo folla kbira |
| 5. | is-sens ta' sodisfazzjon | | tlifna logħba futbol |

( 1 x 5 = 5 marki )

Ċ Semmi żewġ:

1. Valuri ċiviċi

   a) ______________________________ b) ______________________________

2. Inġenji tas-sajd

   a) ______________________________ b) ______________________________

3. Tipi ta' ħut li jinqabdu fl-ibħra Maltin

   a) ______________________________ b) ______________________________

4. Ċentri turistiċi wieħed

   a) f'Malta ______________________ b) f'Għawdex __________________

5. Raġunijiet tat-tniġġis tal-baħar

   a) ______________________________ b) ______________________________

( 1 x 10 marka = 10 marki )

D. Wenzu għandu kajjik ġdid. Huwa jmur jistad ta' spiss u jżur ħafna postijiet fejn ikun hemm inġenji tas-sajd oħra. Poġġi dawn il-postijiet f'kolonna A jew B skond kif taħseb:-

L-Imġarr (Malta), Marsaxlokk, Ħal Qormi, Marsalforn, Wied iż-Żurrieq, l-Imġarr (Għawdex), San Pawl il-Baħar, In-Naxxar, Is-Siġġiewi, Ix-Xewkija.

| | Kolonna A ( Postijiet tas-Sajd ) | | Kolonna B ( Ma jmissux mal-baħar ) |
|---|---|---|---|
| 1. | | 1. | |
| 2. | | 2. | |
| 3. | | 3. | |
| 4. | | 4. | |
| 5. | | 5. | |

( 1 x 10 marka = 10 marki )

E. Qabbel kolonna A ma' kolonna B.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Monroy sinjur Spanjol | | forti fil-Port il-Kbir. |
| 2. | Is-sultan Alfonsu | | flus ta' żmien l-Ispanjoli. |
| 3. | Fjorini | | re ta' Sqallija. |
| 4. | Irvell | | parti minn Spanja. |
| 5. | Il-Fidwa tal-bdiewa | | ħadu l-armi f'idejhom. |
| 6. | Ninu Cremona | | nies ta' qalb ħażina. |
| 7. | Tiranni | | flus li kellhom iħallsu |
| 8. | Taxxi Ħorox | | dramm dwar żmien Monroy |
| 9. | Sant' Anġlu | | Don Gonsalvo |
| 10. | Kastilja | | kittieb Għawdxi |

( 1 x 10 marka = 10 marki )

F. Liema minn dawn il-kliem huma l-aħjar għal din is-silta:-

Furnar, fundatur, baruni, buttar, Finlandiż, Franċiż, Pierre, Paul, saħħa, sħana, iressaq, ikeskes, sehem, midalja, Fl-iskola, Fl-istadju, t-torċa, t-tarka, Olandiża, Olimpika.

Il-________________ ta' dan il-Logħob Olimpiku Modern kien il-________________, ________________, ________________ de Coubertin. Dan kien jemmen li l-Isport hu meħtieġ sew għas-________________ tal-bniedem kif ukoll biex ________________ aktar lejn xulxin fil-ħbiberija l-pajjiżi tad-dinja. Hu kien jgħid, "L-importanti fil-Logħob Olimpiku mhux li tirbaħ, iżda li tieħu ________________."

________________ fejn illum isir dan il-logħob tinxtegħel fil-għoli ________________ Olimpika u jkun hemm dejjem il-bandiera ________________.

( 1 x 10 marka = 10 marki )

Ġ.




In-numri fuq il-mappa juru ħames ċentri ewlenin f'Malta jew Għawdex. Poġġi n-numru quddiem iċ-ċentru skond il-mappa.

| | |
|---|---|
| | Ċentru Turistiku |
| | Ċentru Tat-Tarznar |
| | Ċentru tal-Yachts ( Marina ) |
| | Ċentru ta' Trasbord |
| | Ċentru tal-Akwakultura |

( 1 x 5 = 5 marki )

H. <u>Imla l-vojt bil-kliem li ssib hawn taħt:</u>

fil-bir, melħ, f'Għar Lapsi, fil-bramel, fis-salini, borehole, ilma, fiċ-Ċirkewwa, ħelu, morr.

1. Il-melħ jinġabar ___________________ wara li jkun evapora l-ilma permezz tas-sħana tax-xemx.
2. L-ilma tax-xita li jaqa' fuq il-bejt jinġabar ___________________.
3. L-ilma tal-watertable jittella' permezz ta' pumping station jew ___________________.
4. L-ewwel impjant tar-Reverse Osmosis inbena ___________________ qrib is-Siġġiewi fl-1983.
5. Għandha nibżgħu għall- ___________________ u niftakru li kull qatra tgħodd.

( 1 x 10 marka = 10 marki )

I.




F'din il-mappa niżżel fil-kaxxa n-numru li ssib ħdejn il-port, belt jew raħal.

L-EWWEL WAĦDA LESTA

| | | | |
|---|---|---|---|
| a) | Bormla | 1 | ( ara l-mappa ) |
| b) | L-Isla | 2 | |
| c) | Il-Port ta' Marsamxett | 3 | |
| d) | Il-Gżira Manoel ( island ) | 4 | |
| e) | Tas-Sliema | 5 | |
| f) | Il-Belt Valletta | 6 | |

( 1 x 5 = 5 marki )

J ( i ) Aqra din is-silta, ifhem u aħdem l-eżerċizji li hemm wara:

Kienet għodwa xemxija t'April. In-nannu Tony u n-nanna Kate ħadu lin-neputija Kim sa l-Imdina.

"Din hija l-belt il-qadima ta' Malta," qal in-nannu.

"Meta ġew il-kavallieri kienet ġa mibnija," kompliet in-nanna Kate.

Kemm kien hemm x'tara ġo din il-Belt tas-Skiet, fost l-oħrajn, djar antiki tan-nobbli Maltin, dar Normanna u mużewijiet storiċi. Kim u n-nanniet għaddew minn ħafna toroq dojoq u nodfa. Waslu fuq is-sur u ħarsu n-naħa t'isfel.

"Dik hija r-rotunda tal-Mosta," qalet in-nanna Kate.

Fil-bogħod kienu jidhru bosta rħula Maltin, widien, għelieqi, u Ta' Qali. Kemm staqsiet mistoqsijiet iċ-ċkejkna Kim għax kienet tħobb ħafna l-Istudju Soċjali.

B'xorti tajba, ġimgħa wara, Karen, omm Kim ħaditha għand iz-ziju Oliver li jgħix il-Fontana. Meta kienu t-Tokk fir-Rabat, Karen ħadet lit-tifla żjara saċ-Ċittadella.

"Kemm tixbah lill-Imdina" stagħġbet Kim. U hekk huwa għax Iċ-Ċittadella hija belt ċkejkna fl-għoli u mdawra bis-swar.

J. ( ii ) Aħseb u wieġeb skond il-bżonn :-

1. L-Imdina u ċ-Ċittadella huma mdawrin bis- ( silġ, simar, slaleb, swar, sriep ).
2. Mill-Imdina tista' tara l- ( Munxar, Nadur, Mosta, Qala, Marsalforn ).
3. Miċ-Ċittadella stajna naraw l- ( Marsa, Marsaxlokk, iż-Żejtun, iż-Żebbuġ, Ħal Qormi ).
4. Semmi żewġ mużewijiet li tista' żżur ġo l-Imdina :

   a) ____________________

   b) ____________________
5. Jekk qrib iċ-Ċittadella hemm ir-Rabat, x'hemm imiss ma' l-Imdina?

   ____________________________________

6. Agħmel sinjal ta' ✓ ħdejn it-tajba

jew x ħdejn il-ħażina

| | | |
|---|---|---|
| a) | Il-kavallieri bnew l-Imdina. | |
| b) | It-Tokk qiegħed fiċ-Ċittadella. | |
| c) | Fl-Imdina hemm il-Mużew tal-Gwerra. | |
| d) | Miċ-Ċittadella tidher il-knisja tal-Mosta. | |
| e) | Ħdejn l-Imdina hemm dar/villa Rumana. | |
| f) | Fiċ-Ċittadella hemm il-Kattidral t'Għawdex. | |
| ġ) | Għawdex huwa iżgħar minn Malta. | |
| g) | F'Malta hawn inqas nies minn Għawdex | |
| għ) | Ir-Rabat ta' Malta huwa l-belt ewlenija t'Għawdex. | |

**15-il marka**

K. <u>Ikteb 5 sentenzi interessanti dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti :-</u>

a) Kwalitajiet tajbin li tara f'xi ħabib jew ħabiba ta' l-iskola.

JEW

b) Xi oġġetti impurtati / esportati minn jew lejn Malta.

JEW

c) Ix-xogħol tal-Maltin fit-Turiżmu .

JEW

d) Ir-rwol tiegħek f'xi għaqda sportiva, reliġjuża jew kulturali.

JEW

e) Post storiku importanti fil-belt jew raħal fejn toqgħod.

5 x 2 marki = 10 marki

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________

____________________________________________________________